Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2025/2035(INI)

30.04.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rwol tal-politiki tal-UE fit-tiswir tal-Mudell Ewropew tal-Isport
(2025/2035(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Bogdan Andrzej Zdrojewski

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 12

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rwol tal-politiki tal-UE fit-tiswir tal-Mudell Ewropew tal-Isport (2025/2035(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jispeċifikaw il-kompetenzi u l-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-isport, u b'mod partikolari l-promozzjoni ta' kwistjonijiet sportivi Ewropej, filwaqt li jitqiesu n-natura speċifika tal-isport, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq l-attività volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013[1], u b'mod partikolari Kapitolu IV dwar l-isport,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "White Paper dwar l-isport" (COM(2019)0391),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2011 bit-titolu "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" (COM(2011)0012),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar id-dimensjoni Ewropea fl-isport[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar ix-xiri ta' logħob u l-korruzzjoni fl-isport[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2017 dwar approċċ integrat għall-Politika tal-Isport: governanza tajba, aċċessibilità u integrità[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar l-isfidi għall-organizzaturi ta' avvenimenti sportivi fl-ambjent diġitali[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem[6],

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem", ippubblikata f'Ġunju 2001 mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu[7],

---

[1] ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/817/oj.
[2] ĠU C 239 E, 20.8.2013, p. 46.
[3] ĠU C 36, 29.1.2016, p. 137.
[4] ĠU C 252, 18.7.2018, p. 2.
[5] Testi adottati, P9_TA(2021)0236.
[6] ĠU C 224, 8.6.2022, p. 2.
[7] Studju mitlub mill- Kumitat CULT, 2001.

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni intitolat “Study on the European Sport Model” (Studju dwar il-Mudell tal-Isport Ewropew), ippubblikat fl-2022[8],

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar Pjan ta’ Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (l-1 ta’ Lulju 2014 – il-31 ta’ Diċembru 2027)[9],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Frar 2024 bit-titolu “Implementation Report on the EU Work Plan for Sport (2021–2024)” (Rapport ta’ Implimentazzjoni dwar il-Pjan ta’ Ħidma għall-Isport tal-UE (2021–2024), (COM(2024)0073),

– wara li kkunsidra l-istudju tiegħu ta’ Ġunju 2021 bit-titolu “EU sports policy: assessment and possible ways forward” (Il-politika tal-UE dwar l-isport: c[10],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-18 ta’ Settembru 2014 dwar il-manipulazzjoni ta’ kompetizzjonijiet sportivi (il-Konvenzjoni Macolin),

– wara li kkunsidra l-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2022[11],

– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea relatati mal-isport, inklużi l-kawżi *International Skating Union* v *Il-Kummissjonin*[12], *Royal Antwerp Football Club*[13], *European Superleague Company*[14] u *Lassana Diarra u FIFPRO* v *FIFA u URBSFA* (C-650/22),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-12 ta’ Diċembru 2021 tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport[15],

– wara li kkunsidra r-Regola 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A10-0000/2025),

A. billi l-isport huwa ben pubbliku Ewropew u assi Ewropew dejjem aktar prezzjuż – soċjalment, ekonomikament, politikament u kulturalment;

B. billi l-isport u l-attività fiżika għandhom rwol importanti fil-ħajja tan-nies, li jlaqqgħu flimkien il-komunitajiet u n-nies u jtejbu s-saħħa u l-benesseri;

C. billi l-isport iservi bħala vettur għall-integrazzjoni, speċjalment għall-persuni li għandhom inqas opportunitajiet;

---

[8] Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (il-Kummissjoni Ewropea), 2022.
[9] ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3527/oj.
[10] Mittag, J. & Naul, R. (2021), “EU sports policy: assessment and possible ways forward”: (Il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli ’l quddiem), il-Parlament Ewropew, Riċerka għall-Kumitat CULT – Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta’ Koeżjoni, Brussell.
[11] Karta Ewropea tal-Isport Riveduta, 2022.
[12] ECLI:EU:C:2023:1012.
[13] ECLI:EU:C:2023:1010.
[14] ECLI:EU:C:2023:1011.
[15] ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1.

D. billi l-isport għandu rwol vitali fil-promozzjoni tal-valuri tal-UE bħad-demokrazija, ir-rispett, is-solidarjetà, id-diversità u l-ugwaljanza;

E. billi l-Mudell tal-Isport Ewropew huwa mirfud minn karatteristiċi ewlenin bħall-prinċipji ta' solidarjetà, sostenibbiltà, integrità, inklużività, kompetizzjoni miftuħa u mertu sportiv;

F. billi l-mudell tal-Isport Ewropew jinkludi kemm l-isport tal-ogħla livell kif ukoll l-isport għad-dilettanti;

G. billi l-Mudell tal-Isport Ewropew jinkludi l-iżvilupp tal-isport tan-nisa u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isport;

H. billi hemm tnaqqis inkwetanti ta' voluntiera fl-isport għad-dilettanti;

I. Billi s-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea jirrappreżentaw opportunità għall-politika tal-UE biex tkompli ssaħħaħ il-Mudell tal-Isport Ewropew;

J. billi l-isport qed jiffaċċja diversi sfidi, inklużi problemi ta' governanza, korruzzjoni, xiri ta' logħob, drogi, piraterija u diskriminazzjoni;

K. billi hemm xejra dejjem tikber ta' investimenti u sjieda barranin, theddid minn mudelli ta' divertiment purament għall-profitt u riskji għall-bilanċ kompetittiv fl-isport professjonali;

Il-Mudell Ewropew tal-Isport: iservi lis-soċjetà u jrawwem l-inklużività

1. Jerġa' jafferma l-impenn sod tiegħu għad-difiża tal-Mudell tal-Isport Ewropew li fih l-isport jaqdi l-objettivi tas-soċjetà;

2. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi protett il-Mudell tal-Isport Ewropew, filwaqt li jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli kontinwu tal-isport mil-livell tal-massa għal dak professjonali u fil-livelli reġjonali, nazzjonali u Ewropej;

3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żviluppat aktar il-Mudell tal-Isport Ewropew f'konformità mal-interessi taċ-ċittadini, il-valuri tal-UE u l-prijoritajiet tal-politika bħall-ugwaljanza, id-diversità, l-inklużjoni, is-saħħa u l-benesseri, il-mudell soċjali Ewropew kif ukoll il-kompetittività tal-UE;

4. Jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-isport sikur, inklużiv u ekwu, b'enfasi fuq l-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza u fastidju, u t-titjib tal-aċċessibilità tal-infrastruttura tal-isport;

5. Jissottolinja r-rwol vitali tal-attività fiżika għat-tfal u għaż-żgħażagħ, filwaqt li jenfasizza l-benefiċċji immedjati u fit-tul tagħha għas-saħħa fiżika u mentali, kif ukoll il-kontribut tagħha għall-iżvilupp tal-ħiliet soċjali u tal-ħajja taż-żgħażagħ;

6. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-voluntiera fl-isport u jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa rakkomandazzjonijiet flimkien mal-Istati Membri dwar il-volontarjat fl-isport;

Il-Mudell Ewropew tal-Isport: iservi l-valuri tal-UE u s-solidarjetà

7. Jisħaq fuq l-importanza fundamentali tal-prinċipju ta' solidarjetà sabiex jiġi żgurat li l-isport jaqdi l-interessi ta' kulħadd, aktar milli l-profitti ta' ftit, u jerġa' jsostni l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-rabta bejn l-isport professjonali u dak għad-dilettanti permezz ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà aktar effettivi;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta studju li juri l-mekkaniżmi eżistenti ta' solidarjetà finanzjarja u l-iskemi ta' ridistribuzzjoni li jkopru l-isport u l-livelli differenti fl-UE, akkumpanjat minn rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp ulterjuri tagħhom;

9. Jitlob f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni tappoġġja ċ-ċertezza legali għall-korpi li jirregolaw l-isport u tesplora l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' ridistribuzzjoni bejn il-kampjunati jew il-kompetizzjonijiet kbar u żgħar u f'dixxiplini differenti, inkluż l-isport taż-żgħażagħ;

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied aktar il-finanzjament għall-isport, speċjalment taħt il-programm il-ġdid Erasmus+ għall-2028-2034 u li jiġu appoġġjati aktar sinerġiji bejn programmi u fondi oħrajn;

11. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-programm Erasmus+ fl-appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-isport tal-massa u l-impatt pożittiv tal-programm fuq iċ-ċittadini u s-soċjetà;

12. Jemmen li r-regolamenti dwar is-sostenibbiltà finanzjarja huma essenzjali fl-isport, u jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn il-miżuri jiġu infurzati u aġġornati b'mod effettiv, inklużi kontrolli xierqa fuq is-salarji tal-parteċipanti fil-futbol professjonali;

13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jisħqu li l-ospitanti u l-organizzaturi ta' avvenimenti sportivi maġġuri jżommu l-valuri tal-Mudell tal-Isport Ewropew, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u s-sostenibbiltà;

14. Jirrikonoxxi x-xejra dejjem tikber tal-investiment barrani u s-sjieda fl-isport Ewropew u jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-integrità finanzjarja u l-bilanċ kompetittiv tal-isport Ewropew;

15. Jirrikonoxxi r-riskji tal-kriminalità organizzata u finanzjarja fl-isport u jemmen li trid tiġi garantita diliġenza dovuta stretta fuq l-investimenti u s-sjieda fl-isport Ewropew, inkluż permezz tal-estensjoni tal-qafas tal-UE kontra l-ħasil tal-flus biex ikopri l-isport professjonali;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata fil-livell tal-UE l-kwistjoni dejjem tikber tad-doping fil-livelli kollha tal-isport, inklużi l-isport tal-parteċipazzjoni tal-massa, dak rikreattiv u dak tal-iskejjel;

Il-Mudell Ewropew tal-Isport: iservi biex jippromwovi governanza kollettiva, id-drittijiet tal-atleti u l-ilħna tal-partitiarji

17. Jirrikonoxxi li l-awtonomija tal-isport tiddependi minn governanza tajba, u jitlob lill-organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali, Ewropej u nazzjonali, kif ukoll lill-

organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-partijiet ikkonċernati biex jimplimentaw l-ogħla standards ta' governanza u trasparenza;

18. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-korpi ta' tmexxija dwar il-governanza kollettiva u jħeġġeġ passi ulterjuri biex tissaħħaħ ir-rappreżentanza tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet, b'impenn partikolari biex jiġi żgurat l-involviment tal-atleti u tal-partitarji;

19. Iħeġġeġ lill-korpi ta' tmexxija tal-isport jimplimentaw miżuri ulterjuri dwar l-ugwaljanza, d-diversità u l-inklużjoni, b'mod partikolari biex jindirizzaw is-sottorappreżentanza persistenti tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija;

20. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istandards u l-kontrolli tar-rappreżentanza jkunu prerekwiżit biex l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati jkunu involuti fil-proċessi ta' governanza;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi d-djalogu soċjali fl-isport bħala proċess ewlieni ta' teħid ta' deċiżjonijiet konsistenti mal-prinċipji ta' governanza tajba u ttejjeb ir-rappreżentattività u l-inklużjoni tiegħu;

22. Jipproponi li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE għall-Isport professjonali;

23. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali tal-atleti, inklużi d-drittijiet soċjali bħal-libertà ta' assoċjazzjoni, in-negozjar kollettiv, in-nondiskriminazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-prinċipji ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali;

Il-Mudell Ewropew tal-Isport: kif il-politika tal-UE tista' sservi biex issaħħaħ u tipproteġi

24. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija fit-tul dwar il-politika tal-isport b'reazzjoni għall-ispinta politika qawwija mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-UE, b'enfasi fuq il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell tal-Isport Ewropew u tipproponi azzjonijiet konkreti f'dan ir-rigward;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tissodisfa r-rwol tagħha bħala l-għassiesa tat-trattati f'wieħed mill-aktar setturi soċjali u ekonomiċi importanti tal-Unjoni billi timmonitorja u tindirizza b'mod attiv it-theddid għall-Mudell tal-Isport Ewropew, bħal kompetizzjonijiet separatisti li jipperikolaw l-ekosistema ġenerali tal-isport;

26. Jafferma mill-ġdid in-natura speċifika tal-isport filwaqt li jirrispetta d-dritt tal-UE u jirrikonoxxi li ma hemmx mod wieħed tajjeb għal kulħadd li fih japplika l-Mudell tal-Isport Ewropew fi sports differenti;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida ċari dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, inkluża l-liġi tal-kompetizzjoni, għas-settur tal-isport, anke fid-dawl tas-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea;

°

° °

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-isport huwa ingranat fil-fond fil-ħajja tal-Ewropej. Kemm jekk bħala partitarji, atleti, voluntiera, jew parteċipanti, in-nies madwar l-Ewropa għandhom passjoni kondiviża għall-isport – u bħala dawk li jfasslu l-politika, aħna nikkondividu passjoni biex insawru r-rwol tal-isport fis-soċjetà. L-isport huwa aktar minn divertiment, huwa parti min-nisġa soċjali tagħna. Dan jikkontribwixxi għall-bini ta' komunitajiet koeżivi, jippromwovi stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, u jgħallem ħiliet essenzjali tal-ħajja f'kull età. Jappoġġja wkoll l-ugwaljanza u l-integrazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet, b'mod partikolari L-persuni b'diżabilità.

Lil hinn minn dan, l-isport huwa settur ekonomiku li qed jikber, u jikkontribwixxi 2,12 % għall-PDG tal-UE u jipprovdi impjiegi għal kważi sitt miljun persuna. L-isport Ewropew mhux biss jirrappreżenta assi maġġuri fix-xena globali, iżda huwa wkoll iċċelebrat domestikament billi tiġi mrawma l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE.

Minħabba r-rwol vitali li għandu l-isport fis-soċjetà Ewropea, irridu nikkunsidraw bir-reqqa kif inhu organizzat, kif jiffunzjona u kif jiġi rregolat u żviluppat. B'riflessjoni ta' dan, l-Ewropa għandha approċċ distintiv għall-isport permezz tal-Mudell tal-Isport Ewropew. Dan il-mudell huwa bbażat fuq prinċipji bħall-ġustizzja, il-kompetizzjonijiet miftuħa, il-mertu sportiv u s-solidarjetà bejn il-livelli kollha tal-isport. Dawn il-karatteristiċi ġew affermati mill-ġdid permezz ta' diversi riżoluzzjonijiet, rapporti u dibattiti, li juru l-kunsens wiesa' dwar l-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tal-isport bħala wieħed mill-pedamenti ewlenin tan-nisġa soċjali u kulturali tagħna.

L-impenn tal-Ewropa għat-tisħiħ tal-Mudell tal-Isport Ewropew huwa ċar - iżda l-isport innifsu jinsab f'punt ta' bidla importanti. Iż-żieda fil-kummerċjalizzazzjoni, fl-investiment u fis-sjieda fil-livell barrani u Statatli, fil-mudelli xprunati mill-profitt, fil-kompetizzjonijiet separatisti, u fil-kwistjonijiet ta' governanza jheddu l-integrità u s-sostenibbiltà tal-isport. Dawn l-isfidi mhumiex limitati għall-futbol. Dawn jaffettwaw firxa wiesgħa ta' sports u jidhru li qed jikbru biss fl-iskala u fil-kumplessità, u qed ikomplu jittestjaw ir-reżiljenza tal-Mudell tal-Isport Ewropew.

B'reazzjoni għal dan, dan ir-rapport li jħares 'il quddiem jiffoka fuq x'jista' u x'għandu jsir biex jiġu ffaċċjati dawn l-isfidi. B'mod speċifiku, ir-Rapporteur jistabbilixxi proposti u rakkomandazzjonijiet konkreti dwar kif il-politika tal-UE tista' ttaffi dawn l-isfidi u jkollha rwol fl-iżvilupp u fil-promozzjoni tal-Mudell tal-Isport Ewropew. Ir-rapport huwa strutturat madwar il-kunċett tal-Mudell li jservi erba' oqsma speċifiċi. L-ewwel nett, ir-rwol tiegħu fis-soċjetà u t-trawwim tal-inklużività, it-tieni nett, il-promozzjoni tal-valuri tal-UE u s-solidarjetà, it-tielet nett, l-enfasi fuq il-governanza inklużiva tal-partijiet ikkonċernati, u finalment, kif il-politika tal-UE tista' sservi biex issaħħaħ u tipproteġi l-Mudell Ewropew tal-Isport.

Ir-Rapporteur jirrifjuta bis-sħiħ l-idea li l-UE ma għandhiex il-kompetenza jew ir-rieda politika li tappoġġja l-isport Ewropew. Għall-kuntrarju, dan ir-rapport jenfasizza pedament b'saħħtu ta' azzjonijiet ta' politika tal-passat, involviment istituzzjonali tal-UE li qed jiżdied, u sħubija dejjem akbar mal-partijiet ikkonċernati tal-isport fil-livell tal-UE. Deċiżjonijiet reċenti mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar il-governanza tal-isport u d-drittijiet tal-atleti, joħolqu opportunità ċara għal azzjoni tal-UE aktar b'saħħitha. Huma jissottolinjaw il-ħtieġa li jissaħħaħ il-Mudell tal-Isport Ewropew, li jiġi difiż l-isport ibbażat fuq il-valuri, u li jiġi żgurat li l-governanza tikkonforma mad-dritt tal-UE.

Dan huwa mument kruċjali biex tiġi stabbilita strateġija fit-tul għall-politika Ewropea dwar l-isport. Ir-Rapporteur jappella għal enfasi mġedda fuq it-tisħiħ tal-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell tal-Isport Ewropew u l-avvanz ta' azzjonijiet konkreti f'dan ir-rigward. Sabiex tiġi appoġġjata din il-ħidma, hija meħtieġa valutazzjoni dettaljata dwar liema karatteristiċi ewlenin huma soġġetti għall-ogħla pressjonijiet u li jeħtieġ li jiġu ssalvagwardjati, inkluż b'mezzi legali xierqa u disponibbli.

Eżempju prominenti huwa l-ħtieġa li jinżamm bilanċ tajjeb bejn il-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali u l-kompetizzjonijiet tal-klabbs, bilanċ li jirfed il-mudell ta' solidarjetà u l-iżvilupp fil-livell tal-massa f'ħafna sports fl-Ewropa.

Ir-Rapporteur jissottolinja l-ħtieġa ta' rikonoxximent aktar b'saħħtu tan-natura speċifika tal-isport fi ħdan id-dritt u t-tfassil tal-politika tal-UE. Dan japplika b'mod partikolari għal-liġi tal-kompetizzjoni, għall-moviment liberu u għad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-istat. Għaldaqstant, ir-rapport jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida prattiċi ċari dwar kif id-dritt tal-UE japplika għas-settur tal-isport, speċjalment fid-dawl tad-deċiżjonijiet reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Filwaqt li jirrikonoxxi li ma hemmx mod universali u tajjeb għal kulħadd li bih il-Mudell tal-Isport Ewropew japplika fi sports differenti, ir-rapport jitlob monitoraġġ tat-theddid emerġenti, sabiex jiġu identifikati r-riskji għall-ekosistema ġenerali.

It-tisħiħ tas-solidarjetà finanzjarja huwa essenzjali għall-futur tal-Mudell tal-Isport Ewropew. Ir-Rapporteur jappella għal rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-isport professjonali u dak tal-massa permezz ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà aktar effettivi u qsim tal-profitti aktar ġust. Filwaqt li diġà jeżistu ħafna eżempji pożittivi, hemm sports u kompetizzjonijiet fejn is-solidarjetà finanzjarja mhijiex biżżejjed, u dan iħalli l-iżvilupp tal-isport għad-dilettanti dipendenti ħafna fuq iċ-ċittadini, il-muniċipalitajiet reġjonali jew il-programmi ta' finanzjament tal-UE. Għalhekk, ir-Rapporteur jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta studju li juri l-mekkaniżmi ta' solidarjetà finanzjarja u l-iskemi ta' ridistribuzzjoni eżistenti li jkopru sports differenti b'rakkomandazzjonijiet konkreti dwar kif tista' tiġi żviluppata aktar is-solidarjetà. B'mod partikolari, ir-ridistribuzzjoni bejn l-isport professjonali u dak tal-massa hija meħtieġa biex tappoġġja oqsma vitali bħat-turnej tan-nisa u taż-żgħażagħ, li huma importanti għall-iżvilupp fit-tul tal-isport. L-iżgurar ta' fondi addizzjonali għall-isport huwa ta' importanza kbira. Fi programmi futuri bħall-Erasmus+, l-isport għandu jirċievi aktar fondi mill-baġit ġenerali tal-UE.

Ir-Rapporteur jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri robusti ta' sostenibbiltà finanzjarja biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa fit-tul tal-klabbs sportivi u r-rwol tagħhom fil-komunitajiet. Ir-rapport jindirizza wkoll ix-xejra li qed tikber ta' investiment u sjieda fil-livell barrani u tal-Istat, kif ukoll mudelli ta' divertiment purament għall-profitt, li jheddu l-integrità finanzjarja u l-bilanċ kompetittiv tal-isport Ewropew. Mingħajr salvagwardji xierqa, hemm riskju serju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ta' ħsara għall-valuri soċjali li jirfdu l-mudell tal-Isport Ewropew.

Filwaqt li l-applikazzjoni tal-Mudell tal-Isport Ewropew tista' tvarja bejn sport u ieħor, il-valuri ewlenin u l-istandards ta' governanza li hija tinkorpora huma universali. Dawn jinkludu d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza, d-diversità, l-inklużjoni, u l-prinċipji usa' tal-mudell soċjali Ewropew. Għal dan il-għan, ir-rapport jitlob lill-atturi kollha biex iżidu l-isforzi biex jiżguraw sport sikur, inklużiv u ugwali, b'attenzjoni partikolari għall-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-indirizzar tal-forom kollha ta' vjolenza u ta' fastidju u biex l-infrastruttura tal-isport issir aktar aċċessibbli.

Il-pandemija tal-COVID-19 kixfet ukoll vulnerabbiltajiet fl-ekosistema tal-isport, b'mod partikolari t-tnaqqis qawwi tal-volontarjat fl-isport. Ir-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki miksuba permezz tal-volontarjat mhux biss jonora l-isforzi tal-voluntiera, iżda jinkoraġġixxi wkoll parteċipazzjoni akbar u jsaħħaħ il-bażi tagħhom fis-settur tal-isport kollu. Għalhekk, ir-rapport jitlob lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri biex jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam.

Governanza b'saħħitha, inklużiva u rappreżentattiva hija essenzjali għall-futur kemm tal-isport Ewropew kif ukoll tal-Mudell tal-Isport Ewropew. Ir-rapport jissottolinja l-ħtieġa ta' rappreżentanza akbar tal-partijiet ikkonċernati fil-governanza, b'enfasi partikolari biex jiġi żgurat li l-atleti u l-partitarji jkollhom vuċi reali fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Madankollu, ir-Rapporteur jissottolinja wkoll li l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati nfushom jeħtiġilhom ikunu adattati għall-iskop u jkunu kapaċi jassumu b'mod kredibbli rwoli bħal dawn fil-governanza tal-isport tagħhom. Għal dan il-għan, ir-rapport jisħaq li l-istandards u l-kontrolli tar-rappreżentattività huma prerekwiżit għall-involviment tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati.

Filwaqt li jibni fuq l-eżempju ta' suċċess tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE għall-Futbol Professjonali, ir-rapport jipproponi l-istabbiliment ta' Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE għall-Isport Professjonali. Dan huwa marbut maċ-ċertezza qawwija tar-Rapporteur li għandu jsir aktar biex jiġu promossi d-drittijiet fundamentali tal-atleti, inklużi d-drittijiet soċjali.

Messaġġ ewlieni f'dan ir-rapport huwa li l-awtonomija tal-isport tista' tiġi sostnuta biss permezz ta' governanza tajba. Ir-Rapporteur iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali, Ewropej u nazzjonali rilevanti kif ukoll lill-korpi rappreżentattivi tal-partijiet ikkonċernati biex jadottaw l-ogħla standards ta' governanza u trasparenza. Ir-rapport jitlob ukoll lill-korpi governattivi tal-isport biex jieħdu azzjoni aktar b'saħħitha dwar l-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużjoni fil-governanza tal-isport, b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tas-sottorappreżentanza persistenti tan-nisa u tal-minoranzi fi rwoli ta' tmexxija.

Bħala konklużjoni, dan ir-rapport ma jfittixx li jagħti skop differenti lil dak li diġà ntqal dwar il-Mudell tal-Isport Ewropew – iżda jappella għal azzjoni. Hekk kif sports differenti qed jiffaċċjaw theddid dejjem akbar għall-prinċipji u l-valuri tagħhom, huwa kruċjali li dawk li jfasslu l-politika tal-UE jżommu b'mod sod mal-isport. Ma nistgħux naffordjaw il-kompjaċenza quddiem l-isfidi reali u immedjati.

L-Ewropa hija l-post tat-twelid tal-isport modern b'logħob ġust u spirtu kompetittiv li għandhom għeruq fondi fil-kultura u fl-istorja tiegħu. Il-Mudell tal-Isport Ewropew qed jevolvi, iżda l-prinċipji li jixprunaw il-politika tal-isport tagħna jibqgħu l-istess. Il-politika tal-UE trid tagħti s-setgħa lil organizzazzjonijiet sportivi u partijiet ikkonċernati u żżommhom responsabbli. Huwa vitali li aħna nappoġġjaw il-Mudell b'mod li jirrispetta u jrawwem il-karatteristiċi uniċi tal-isport.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Polish Presidency of the Council of the European Union
Council of Europe
FIFPRO
European Club Association (ECA)
Union of the European Clubs (UEC)
FIFA
UEFA
European Leagues
Football Supporters European (FSE)
European Olympic Committee EU Office
EU Athletes
Special Olympics
Sports Rights Owners Coalition (SROC)
International Sport and Culture Association (ISCA)
Play the Game
The European Organisation for Grassroots Sport (ENGSO)
European University Sport Association (EUSA)
President of the European Athlete as Student network
Sport and Citizenship
Europe Active
Panathlon International EU Brussels
European Association of Sport Employers (EASE)
A 22 Sports Management
La Liga
Stephen Weatherill, Good Governance 4 Sport
Arnout Geeraert, Utrecht School of Governance
Federation of the European Sporting Goods Industry (FESI)
Association Representative Youth In Le Champ Du Sport Et De L'animation (ANESTAPS)
European Youth Alliance in Sport (EYAS)
The Association For International Sport for All (TAFISA)
European Network of Outdoor Sports (ENOS)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.